MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1647/1998/1

**Paul Demicoli, Mary Vassallo u Rita Farrugia ikoll ahwa Demicoli kif ukoll Horace u Angela konjugi Demicoli**

**vs**

**Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi l-atturi huma ikoll l-eredi fil-ligi tal-mejjet Ignatius Paul Demicoli li kien miet tragikament f'incident tat-traffiku nhar id-19 ta Ottubru 1997;

Illi ftit qabel ma miet, id-decujus kien ottjena self bankarju fl-ammont ta' hmistax il-elf lira Matija (Lm15,000) minghand il-Bank of Valletta branch ta' San Gijan;

Illi t-talba tieghu lill-istess Bank kienet giet accettata tant illi anke gew versati lilu l-imsemmija somma ta’ Lm15,000;

Illi l-istess decujus kien applika ghall-assikurazzjoni fuq hajtu minghand is-socjeta’ konvenuta tramite l-istess Bank li tah is-self bhala wahda mill-garanziji rikjesti mill-istess Bank ghal tali self;

Illi l-istess assikurazzjoni fuq hajtu kienet fil-valur ta’ Lm15,000;

Illi t-talba tieghu ghal hrug ta’ tali assikurazzjoni fuq hajtu kienet fil-fatt giet accettata mill-istess socjeta’ konvenuta ghalkemm ma kienx lahaq ircieva il-polza relativa minnhabba l-mewt tragika u improvviza tieghu u dana kif ser jigi trattat ahjar waqt is-smiegh ta’ dawn il-proceduri;

Illi l-istess socjeta’ konvenuta hija tenuta tonora l-obbligi kollha taghha assunta minnha fuq l-istess assikurazzjoni fuq il-hajja tad-decujus u liema polza ggib in-numru 01800410 u konsegwentement thallas lill-eredi tal-istess decujus l-odjern rikorrenti;

Illi l-ammont assikurat fuq il-hajja tad-decujus mal-mewt tieghu tlahhaq is-somma ta’ hmistax il-elf mija u wiehed, u erbghin lira maltija sebgha u sittin centezmu (Lm15,141.67);

Illi s-socjeta konvenuta kienet giet interpellata inutilment sabiex thallas dan l-ammont hekk permezz ta’ ittra ufficjali datata 23 ta’ Jannar 1998;

Ghalhekk l-atturi talbu li s-socjeta' assikuratrici konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex tikkundannha thallas lill-atturi bhala l-eredi fil-ligi tal-mejjet Ignatius Paul Demicoli s-somma ta’ Lm15,141.67 rapprezentanti ammont li mmatura favur taghhom mal-mewt ta’ l-istess Ignatius Paul Demicoli a bazi tal-polza ta’ assikurazzjoni fuq hajtu numru 018 00410;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Jannar 1998 u bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta' l-istess ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta giet ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota' ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit illi l-atturi ghandhom jipproducu l-prova dokumentarja illi huma l-unici eredi tad-decujus Ignatius Paul Demicoli u illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-meritu t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjess billi ma lehaq sar ebda kuntratt ta' assikurazzjoni bejn is-socjeta' konvenuta u d-decujus Ignatius Paul Demicoli kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk is–socjeta' konvenuta ma hija tenuta thallas ebda ammont;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Semghet lill uhud mill-atturi u x-xhieda prodotti mill-istess atturi;

Rat l-affidavits presentati mis-socjeta konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju 2003;

Ikkonsidrat:

L-atturi huma l-genituri u hut il-mejjet Ignatius Paul Demicoli, li miet tragikament f'incident tat-traffiku fid-19 ta Ottubru 1997. L-atturi qed jghamlu din l-azzjoni fil-kapacita' taghhom ta' eredi fil-ligi tal-imsemmi Ignatius Demicoli;

Jirrizulta li ftit qabel ma miet, id-decujus kien ottjena ghas-socjeta tieghu facilitajiet bankarji mill-fergha ta' San Giljan tal-Bank of Valletta ghall-ammont ta' hmistax il-elf liri maltin (Lm15000). Bhala garanzia l-Bank talab li d-decujus personalment jghamel assikurazzjoni fuq hajtu.

F'dan ir-rigward jirrizulta li d-decujus applika lis-socjeta konvenuta tramite l-istess bank sabiex il-hajja tieghu tkun assikurata. Jirrizulta li d-decujus, hdax (11) il-gurnata qabel ma miet, iffirma "proposal form" sabiex is-socjeta konvenuta tohrog polza ta' assikurazzjoni fuq il-hajja tieghu b'valur ta' hmistax il-elf liri maltin (Lm15,000);

L-atturi jippretendu li s-socjeta konvenuta accettat il-proposta li tinhareg l-imsemmija assikurazzjoni fuq il-hajja, ghalkemm, jammettu, li d-decujus ma kienx lahaq ircieva il-polza relativa qabel il-mewt tieghu. L-atturi jippretendu ukoll li s-socjeta' konvenuta ghandha toqod ghall-obbligi kollha taghha assunti b'tali accettazzjoni u konsegwentement ghandha thallas l-ammont assikurat lill-eredi tal-istess decujus. Ghalhekk qed issir din il-kawza;

Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li l-atturi ghandhom, fl-ewwel lok, jipprovaw li huma l-unici eredi tad-decujus Ignatius Paul Demicoli. Fil-mertu s-socjeta konvenuta qed teccepixxi li ma lehaq sar ebda kuntratt ta' assikurazzjoni bejn is-socjeta' konvenuta u d-decujus Ignatius Paul Demicoli;

Mill-provi prodotti ghar-rigward tal-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta jidher li l-atturi huma l-eqreb familjari tad-decujus u ghalhekk huma l-eredi skond il-ligi tal-istess decujus;

Fil-mertu jirrizulta ampjament li d-decujus kien ippresenta u ffirma l-proposal form sabiex issir polza tal-assikurazzjoni fuq il-hajja tieghu, liema applikazzjoni pero' ma lehqitx giet accettata mis-socjeta konvenuta qabel il-mewt tad-decujus;

Ghandu jinghad li l-fatt li d-decujus seta jusufruixxi mill-facilita' bankarja in kwestjoni ma jfissirx awtomatikament li l-proposta ghal hrug tal-assikurazzjoni giet accettat mis-socjeta konvenuta. Il-facilita' bankarja inghatat mill-bank filwaqt li l-polza tinhareg minn entita' separata cioe' mis-socjeta konvenuta;

Kif gia gie rilevat l-atturi stess jammettu li d-decujus ma kienx lehaq ircieva l-polza relattiva qabel mewtu u dan kien appuntu dovut ghal fatt li s-socjeta konvenuta ma kinitx lehqet accetta il-proposta tad-decujus;

Jirrizulta li d-decujus, fl-istess jum li ssottometta l-applikazzjoni ghal hrug tal-assikurazzjoni, hallas ammont li seta kien l-ewwel premium ghar-rigward tal-istess assikurazzjoni. Giet esibita r-ricevuta relattiva ghal dan il-pagament (dokument FV1 - fol.31). Din hi ricevuta mahruga mill-Bank of Valletta, li jidher li fil-kwestjoni tal-assikurazzjoni kien qed jagixxi bhala agent tas-socjeta konvenuta. Din ir-ricevuta tirreferi ghall-ammont imhallas bhala "cover" ghal polza tal-assikurazzjoni. Jirrizulta mill-ewwel li din hi ricevuta temporanea. Ir-ricevuta ma tghidx li l-pagament kien qed jigi accettat ghan-nom tas-socjeta konvenuta, izda tindika li l-flus li gew imhallsa gew depositati fi "suspense account", ovvjament sakhemm is-socjeta konvenuta taccetta li tohrog il-polza u dana wara li l-applikazzjoni tigi processata mill-istess socjeta konvenuta;

Jirrizulta li f'dan il-kaz ma giex kompletat l-ipprocessar tal-applikazzjoni. Jidher ukoll li wara li giet sottomessa l-applikazzjoni s-socjeta konvenuta talbet aktar informazzjoni dwar xi aspetti li kienu jemergu minn dak li kien hemm imnizzel fl-applikazzjoni. Jidher ukoll li din l-informazzjoni ulterjuri qatt ma wasslet ghand is-socjeta konvenuta;

In vista tal-premess it-talbiet tal-atturi ma jistghu qatt jigu akkolti. Ghalhekk konsiderazzjonijiet ohra li, forsi, kienu jimmeritaw li jigu esaminati, f'dan l-istadju, mhux il-kaz li jigu approfonditi;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-atturi;

Spejjez kontra l-atturi.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------